Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 388 / 2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Noel Buhagiar**

Illum 21 ta' Mejju 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Noel Buhagiar detenur tal-karta tal-identita Maltija 541071 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-gzejjer, nhar id-29 ta' Jannar 2010, kif ukoll f' din l-ahhar sena, f' hinijiet differenti u fi bnadi ohra f' Malta:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforna jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenza jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Talli sar recidiv b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' April 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-26 ta' Settembru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha, fil-waqt illi sabithu hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u ikkundannatu ghall-piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistghu jithallsu mill-hati f' rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. B' dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi ma' dawn il-proceduri ossia l-ispejjez relatati mal-inkarigu espletat mix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn ewro u wiehed u sitta u sittin centezmu (€201.66) u l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, wiehed u tmenin ewro u tlieta u tletin centezmu (€381.33), b' kollox ammontati tali spejjez ghas-somma ta' hames mija, tnejn u tmenin ewro u disgha u disghin centezmu (€582.99), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument JB4 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ordnat wkoll ir-rilaxx tal-mobile phone esebit bhala Dokument JB 5 favur il-hati.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Noel Buhagiar, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 t' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi filwaqt li **TIKKONFERMAHA** fejn ma sabitx lill-appellant hati fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, **THASSARHA U TIRREVOKAHA** in kwantu ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentement tilliberah minnhom; u fin-nuqqas ta' dan **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tas-17 ta Jannar 2019 u cioe fejn id-difiza tablet li din il-Qorti tikkonverti ruha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll li fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2019 Dr. Amadeus Cachia talab li jitharrek rapprezentant tal-Caritas saebiex jixhed in sostenn tat-talba tieghu ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' April, 2019 xehdet Stephanie Grech bhala Head of Community Services tal-Caritas. Qalet li kient iltaqghet mal-appellant f'Novembru 2010 meta dan kellu problema ta' abbuz tad-droga Eroina. Hija kient irreferietu lejn id-Detox u ha it-trattament u baqa' clean. Kien ghamel zmien jiehu l-methadone bid-doza ta' 45mg izda mbaghad irnexxilu inizzilha u baqa' dejjem 'clean'. Qalet li kien ta numru ta' samples tal-awrina tieghu u dawn dejjem taw rizultat negattiv ghal-presenza ta' droga.

F'Dicembru, 2011 dan waqaf is-servizz ghax baqa' dejjem 'clean'.

Fis-16 ta' April, 2019 wara li rceviet tahrika biex titla' tixhed il-Qorti hija hadet kampjun tal-awrina tal-appellant u dan bla pre-avviz u ghal darb' ohra ir-rizultat kien wiehed negattv ghal-presenza ta' droga.

Tghid li l-appellant kellu problema ghaliex fil-passat kien jiehu d-droga biex ikkun jista' ikompli l-gurnata tieghu izda wara li sar r-referrral tieghu dan donnu gharaf jikontrolla ruhu u waqaf juza id-droga. Mistoqsija jekk hux biss id-droga Eroina jew jekk kull droga qalet li it-test li ghamlitlu kien ghal kul tip ta droga u dan ta' rizultat negattiv ghal tali presenza. Jidher ghalhekk li fiz-zmein tal-akkuzi odjerni u cioe f'Jannar 2010 u s-sena ta' qabel l-appellant kien qed jabbuza mid-droga Eroina.

Illi sabiex il-Qorti tara jekk tistax tilqa' it-talba tal-appellant sabeix tikkonverti ruha ghal Druq Court trid l-ewwel tara li l-akkuzi li bihom gie akkuzat l-imputat jaqghu fil-parametri ta' l-istess Artikolu 8 (2) tal kap 537 u cioe' li l-imputat gie akkuzat b':-

*(a) reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li biha l-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-akkużat;*

*(b) reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li biha l-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regolari jew bl-użu ta' nar jew splussiv (li mhux il-kaz);*

*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga (li skond ix-xhieda ta' l-Probation Officer Rhona Custo jidher li dan hu l-kaz klassiku).*

Illi minn esami tas-suespost jdiher car li l-appellant hu akkzuat b'reat kontra l-ligijiet dwar id-droga kif dispost fl-artikolu 8 (2)(a) tal-Kap 537.

Illi mix-xhieda ta' Stephanie Grech, rapprezentant tal-Caritas jirrizulta li l-appellant kellu dipendeza fuq id-droga Eroina ghal zmien twil u dan qabel is-sena 2010. Jirrizulta ukoll li kienet hi li ghamlitlu r-referral biex jindirizza din il-problema ta'abbuz ta droga u jidher li ghamel progress f'dan ir-rigward tant li waqaf jiehu d-droga u minn esami tat-testijiet li ttiehdu tal-awrina tieghu jirrizulta li illum 'huwa clean'. Jidher li l-appellant ghamel sforz kbir biex jipprova jehles minn dan il-vizju mishut u din il-Qorti trid tawgura lill-stess appellant biex jibqa' hekk fuq din it-triq it-tajba.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) huma sodisfatti, w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-Stephanie Grech ghan-nom tal-Caritas thoss li hu neċessarju, li l-appellant ghandu jikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u ghalhekk qeda tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement ai termini tas-Sub-inciz (c) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 qeda tirreferi lill-persuna akkużata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jagħti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-Artikolu 6.

Tiddiferixxi l-appell sine die, b'dan li ghandu jigi riappuntat una volta ikun hemm decizjoni minn dan il- Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur